MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Numru. 159/2007

Il- Pulzija
(Spettur Ramon Mercieca)

-vs-

Pierre Muscat
Martin Cachia
Christian Sciberras

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra:

Pierre Muscat ta’ 32 sena iben Alfred u Angela nee’ Gusman, imwieled Pieta’ nhar 28 ta’ Lulju 1974, u joqghod ‘St. Michael’s Flats’, Flat No. 1, Paris Street, Zebbug, detentur tal- karta ta’ l- identita’ numru 376374M.

Martin Cachia ta’ 25 sena iben Joseph u Josephine nee’ Bartolo, imwieled Pieta’ nhar 07 ta’ Novembru 1981, u joqghod No. 2, Triq il- Punent, Naxxar, detentur tal- karta ta’ l- identita’ numru: 610181M.

Christian Sciberras ta’ 19 il- sena iben Paul u Maria Lourdes nee’ Xuereb, imwieled Pieta’ nhar il 31 ta’ Marzu 1987, u joqghod No. 12, ‘Le Nid’, Triq Paolo Parisio Muscati, Naxxar, detentur tal- Karta tal- Identita’: 161687M.

Talli f’ dawn il- Gzejjer fix- Xwieki limiti tal- Gharghur, matul ix- xahar ta’ Jannar 2007:-

1) B’ diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jew fi zminijiet different, ikunu jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u jkunu gew maghmulin b’ risoluzzjoni wahda u cioe’ ikkommettew serq ta’ hwejjeg minn gewwa garaxx/mahzen ta’ Avantguard Holdings Ltd. ghad- dannu ta’ l- istess sid, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur ta’ iktar minn Lm100 (Mitt Lira Maltin) izda anqas minn Lm1000 (Elf Lira Maltija), bil- persuna u bil- hin, u dan bi ksur tal- artikolu 18, 261 (b)(c)(d)(f), 265, 267, 268 u 270 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
2) U aktar talli fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, u / jew fil- granet ta’ wara dawn id- dati, f’ dawn il- Gzejjer, xjentament xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghuhom, jew imexxuhom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil- mezz, bil- valur ta’ aktar minn Lm100 (Mitt Lira Maltin) izda anqas minn Lm1000 (Elf Lira Maltin), bil- persuna u bil- hin, u dan bi ksur tal- artikolu 334 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Rat in- nota ta’ l-Avukat Generali u l-kunsens ta’l-imputati.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Joseph Vella *managing director* tas-socjeta derubata li stqarr li uhud mill-oggetti misruqa kienu bla valur u li l-imputati hallsu l-valur ta'l-oggetti l-ohra misruqa.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom il-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat l-artikoli 18, 261(a)(b)(d)(f), 263, 267, 268, 270 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzati.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputati hija dik ta' serq aggravat u ricettazzjoni.

Illi f'l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2007 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hija tal-fehma li l-imputati verament iddispjacihom ta li ghamlu u huma fil-fatt mhux biss ikkoperaw mal-pulizija imma anke ghamlu tajjeb mas-socjeta derubata ghall-oggetti misruqa.

Illi in oltre l-fedina penali ta' l-imputati hija netta.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha piena karcerarja mhix indikata.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 261(a)(b)(d)(f), 263, 267, 268, 270, 334 u 337 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lit-tlett imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom pero b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma' jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin mill-llum. Il-Qorti spejgat lill-

imputati bil-konsgwenzi skond il-Ligi jekk jaghmlu reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------